QORTI CIVILI PRIM' AWLA

ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.

Illum il-Gimgha, 18 ta' Mejju 2001

Numru 26

Citaz. Nru. 804/94 FDP

Avukat Dr. Joseph Zammit McKeon bhala rapprezentant tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd, u dina bhala agenti Malta tas-socjeta` assiguratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha s-socjeta` Chemimart Limited; u b'nota tas-7 ta' April 1999 l-Avukat Dr Joseph Zammit McKeon ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Atlas Insurance Agency Limited, bhala agenti Malta tas-socjeta` estera Guardian Royal Exchange Assurance plc kif fuq surrogata, assuma l-atti tal-kawza minflok is-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd.

Vs

Frederick M. Frendo u Simon Bajada ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Palm Shipping Agency Ltd., u din bhala agenti f'Malta tas-socjeta` estera Century Line - 21st Century Maritime Inc. trasportaturi tal-merkanzija *de quo;*

u

Godwin Abela ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd.

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi s-socjeta` Chemimart Limited importat mill-Istati Uniti tmien (8) pallets ta' *toilet preparations* li gew trasportati mis-socjeta` estera Century Line - 21st Century Maritime Inc., minn New York sa Antwerp bil-bastiment GIVOANNA V 3133, u minn Antwerp lejn Malta, bil-bastiment NORASIA AL MANSOORAH (Dok. 1 u 2);

Premess illi l-bastiment NORASIA AL MANSOORAH wasal Malta fid-29 ta' Awissu 1993, u meta l-importatur mar jirtira l-merkanzija, huwa sab in-nuqqas u hsarat li jirrizultaw deskritti fis-Schedule tal-Information Form preparat mis-surveyor ta' l-Institute of London Underwriters (Dok. 3);

Premess illi ghan-nuqqas li garrab l-importatur, is-socjeta` assiguratrici attrici, kif obbligata, hallset is-somma ta' hames mija u tnejn u sebghin lira u tletin centezmu (Lm572.30), li minnhom hamsin lira (Lm50) kienu *survey fees*, u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet ta' l-importatur (Dok. 4);

Premess illi s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghan-nuqqas u hsarat fuq riferit;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti *nomine* responsabbli, jew min minnhom, ghan-nuqqas u hsarat fuq indikati;

2. Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* jew min minnhom, li jhallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' hames mija u tnejn u sebghin lira u tletin centezmu (Lm572.30) li minnhom hamsin lira (Lm50) kienu *survey fees*, in linea ta' danni subiti mill-importatur u surrogati lill-attur *nomine* bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni, fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq imsemmija;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela *nomine* ta' l-14 ta' Ottubru 1994 fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut *nomine* kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija *de quo* giet sbarkata minn gol-container numru SEAU 215170/9 bin-nuqqas kif jirrizulta mill-Joint Tally Sheet anness man-nota ta' l-eccezzjonijiet (Dok TCH1);

2. Illi fit-tieni lok l-konvenut Godwin Abela *nomine* jissolleva li ma kienx fi kwalunkwe kaz risponsabbli ghall-kwalunkwe hsarat u nuqqas allegati mis-socjeta` attrici u dana ai termini tar-Regolament Nru. 86 dwar il-Portijiet, 1966;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghal premess, ghandha tigi esebita l-polza ta' assiugrazzjoni li a bazi taghha qed jigi allegat li sar il-hlas lill-impurtatur u ghandu jigi esebit ukoll ic-*cheque* li bih sar il-pagament;

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghal premess, ghandu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont ta' Lm522.30 bhala allegati danni;

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghal premess, is-*survey fees* huma ghal kollox esagerati stante li l-ammont ta' Lm50 bhala *survey fees* saru proprju mis-socjeta` attrici proprio u ma hemm ebda surroga ghar-rigward ta' l-istess;

6. Illi fis-sitt lok u bla pregudizzju ghal premess, ma hemm ebda interessi dovuti u dan stante li si tratta dwar azzjoni ta' danni u li ghad irid jigu likwidati u ppruvati fil-kawza nnifisha;

7. Illi fis-seba' lok u bla pregudizzju ghal premess, l-ebda interessi m'huma dovuti stante li s-socjeta` attrici allegatament hallset a

bazi ta' l-obbligazzjonijiet taghha skond il-polza u di piu m'hemm ebda surroga ghar-rigward l-istess interessi u s-surroga hija limitata ghall-ammont deskritt fl-istess somma;

8. Illi ai termini ta' l-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1966 sub-inciz (3) dwar *unitised cargo* (*amended by Legal Notice 28/73*) u l-Artikolu 6 tal-Port Ordinance sub-inciz (3) u ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur *nomine*;

Ghamel ukoll riserva ghal eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Godwin Abela *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Simon Bajada ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Palm Shipping Agency Limited li fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament is-socjeta' Palm Shipping Agency Limited ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li mhiex u qatt ma kienet agenti tas-socjeta` Century Line - 21st Century Maritime Inc.

U ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Simon Bajada *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat ir-rapport ta' l-espert legali Dr. Peter Fenech nominat permezz ta' digriet tas-16 ta' Ottubru 1996;

Semghet lix-xhieda prodotti;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi s-socjeta` attrici pprezentat din ic-citazzjoni bhala surrogata fid-drittijiet tas-socjeta` Chemimart Limited li kienet impurtat merkanzija mill-Istati Uniti u talbet li tiehu lura l-ammonti li hija hallset ghall-assigurazzjoni relattiva;

Illi l-konvenuti kienu tnejn; is-socjeta` The Cargo Handling Company Limited u is-socjeta` Palm Shipping Agency Limited u din bhala agenti tas-socjeta` estera Century Line - 21st Century Maritime Inc.;

Illi s-socjeta` The Cargo Handling ghamlet diversi eccezzjonijiet, u fl-ewwel eccezzjoni ssottomettiet illi l-merkanzija giet sbarkata minn fuq il-container bin-nuqqas li rrizulta mit-tally sheet;

Illi minn naha taghha s-socjeta` Palm Shipping Agency Limited eccepiet li kellha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju peress li qatt ma kienet agenti tas-socjeta` estera imsemmija, u ghamlet ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Illi b'sentenza in parte moghtija fl-20 ta' Ottubru 1995 din l-eccezzjoni giet michuda u l-kawza tkompliet dwar il-meritu;

Illi l-attur *nomine* esebixxa affidavit tad-direttur tas-socjeta` importatrici Chemimart Limited fejn hu ikkonferma illi huma kienu importaw konsejna ta' *toilet preparations* konsistenti f'tmien pallets f'Awissu 1993. Il-konsenja inbaghtet mill-Istati Uniti ghal Malta tramite il-port ta' Antwerp u dan kif jirrizulta mill-polza ta' karigu. Il-merkanzija tghabbiet New York fuq il-vapur M.V. Giovanna V u minn Antwerp ingarret lejn Malta fuq il-vapur M.V. Norasia al Mansoorah;

Illi fl-istess affidavit id-direttur tas-socjeta` Chemimart stqarr illi huwa kien qabbad lill-burdnar jigbor il-merkanzija rilaxxata mill-Government Bonded Stores fl-14 ta' Settembru 1993. "*Meta l-merkanzija waslet fil-mahzen taghna kienet f'kundizzjoni hazina hafna. Kien hemm diversi cartons neqsin u ohrajn imqattghin u b'kontenut nieqes u kontenut iehor bil-hsara. Hafna mill-cartons kien fihom fliexken imkissrin u vazetti mkissrin u/jew imtebbghin bi spilling mill-kontenut stess.*" Kompla jixhed illi s-socjeta` Chemimart sussegwentement ghamlet claim ma' l-assiguraturi taghha s-socjeta` attrici bhala agenti lokali tas-socjeta` estera Guardian

Insurance u fit-12 ta' Novembru 1993 din l-assigurazzjoni ghaddiet lis-socjeta` Chemimart Limited l-ammont ta' Lm522.30;

Illi l-attur ipprezenta wkoll affidavit ta' Noel Ellul illi kien Marine Claims Executive mas-socjeta` attrici u kkonferma illi fis-16 ta' Settembru 1993 huwa acceda fuq il-fond tas-socjeta` Chemimart Limited sabiex jivverifika l-hsarat u nuqqasijiet li nstabu fil-konsenja rtirata mill-bonded stores. Huwa esebixxa numru ta' ritratti li ha dakinhar fil-mahzen u spjega li skond in-notamenti tal-Government Bonded Stores il-merkanzija harget kif dahlet u cioe` bir-rimarka "*846 cartons of which several open*";

L-istess xhud ikkonferma li s-socjeta` attrici hallset l-ammont ta' Lm522.30 u din tinkludi Cost Insurance Freight (CIF) kif ukoll 10% over insurance sabiex ikopru spejjez ulterju li ma jigux klassifikati fis-CIF. Ma' l-ammont ta' Lm522.30 jizdied ukoll l-ammont ta' Lm50 *survey fees* li kienu necessarji sabiex jigu kkonfermati dawn d-danni;

Illi l-attur *nomine* ressaq ukoll lill-ufficjal tad-Dwana biex jaghti x-xhieda tieghu u dan xehed illi f'Settembru 1993 huwa kien addett fin-New Port Bonded Stores u spjega illi wara li nhatt il-vapur, il-merkanzija ghaddiet ghal go Pinto Annex, taht ir-responsabilita` tal-Cargo Handling Co Limited. Fl-14 ta' Settembru 1993 il-merkanzija in kwistjoni dahlet fin-New Port Bonded Stores u harget fl-istess jum. Huwa kien il-fizzjal li rcieva u rrilaxxja l-merkanzija, u spjega li skond dokument esebit a fol 88 tal-process il-merkanzija

kellha tidhol f'8 pallets. Pero` fid-dokumenti ma kinitx palletized u kien hemm 846 cartons. Dan ix-xhud innota u mmarka diversi hsarat u/jew nuqqasijiet u dawn ir-rimarki gew miktuba fuq id-dokument immarkat FP3;

Illi s-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co Limited resqet lil Peter Bonello, li meta xehed fil-25 ta' Novembru 1997 quddiem l-espert legali, huwa kkonferma illi minhabba li x-xoghol kien "*groupage container*", dan ma nfetahx "*at the ship's rail*". Huwa spjega "*Hdejn il-vapur it-tally li sar huwa li tnizzel container wiehed*";

Illi dan ix-xhud kompla jispjega illi minn hdejn il-vapur il-container ittiehed go Pinto Annexe u hemmhekk infetah fil-presenza ta' ufficjali tad-Dwana u l-Cargo Handling u x-xoghol jidhol fit-tined. It-tally sheet saret kif il-merkanzija inharget mill-container u skond it-tally sheet numru 76389 a fol 89 tal-process jirrizulta li l-Cargo Handling irceviet 8 pallets li minnhom kien hemm 4 pallets "*top open*" u zewg kartuniet minn pallet u/jew pallets ohra imtebbghin. Mit-tined il-merkanzija ttiehdet fil-bonded stores tad-Dwana;

Illi s-socjeta` l-ohra konvenuta esebiet tally sheet datata 2 ta' Settembru 1993 bin-numru 000232; din imtliet mit-tally clerk imqabbad mis-socjeta` Palm Shipping Agency Limited u turi l-istat tal-merkanzija hekk kif infetah il-container;

Illi dwar il-konsiderazzjoni relattivi ghar-responsabilita` tas-socjeta` konvenuta The Cargo

Handling Co Limited jigi rilevat illi meta nfetah il-container f'Malta fit-2 ta' Settembru 1993, u dan kif jidher mit-tally sheets relattivi, gie nnutat li 4 pallets kellhom "*top open*" u kien hemm "*two cartons stained*". M'hemmx dubbju illi l-hsara u s-serq li seta' kien hemm, sar qabel il-container wasal Malta. Ghalhekk minn dawn il-provi jirrizulta b'mod car illi l-konvenut Godwin Abela *nomine* huwa ezonerat minn kull responsabilita` u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni minnu sollevata ghandha tigi akkolta u per konsegwenza d-diversi eccezzjonijiet l-ohra sollevati m'humiex ser jigu kkonsidrati aktar;

Illi dwar ir-responsabilita` ta' Frederick Frendo u Simon Bajada in rapprezentanza tas-socjeta` Palm Shipping Agency Limited u din bhala agenti f'Malta tas-socjeta` estera Century Line - 21st Century Maritime Inc. eccepiet illi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma kienetx u qatt ma kienet agent tas-socjeta` 21st Century Maritime Inc. u kif inghad aktar 'il fuq, din l-eccezzjoni giet michuda permezz tas-sentenza in parte moghtija fl-20 ta' Ottubru 1995; L-istess socjeta` konvenuta ma resqet ebda eccezzjoni ohra ghalkemm kienet irriservat dan id-dritt fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha; is-socjeta` Century Line - 21st Century Maritime Inc. ghalhekk, kif rapprezentata mis-socjeta` konvenuta Palm Shipping Agency Limited, kienet responsabbli ghal garr ta' merkanzija *de quo*; mir-rizultanzi processwali, meta l-merkanzija waslet Malta u l-container infetah instab li kien hemm hsarat u nuqqasijiet fl-istess merkanzija u ghalhekk jirrizulta li l-hsarat u s-serq rilevat sehh waqt it-tragitt lejn Malta;

Illi wara li l-espert l-legali kkonferma r-relazzjoni tieghu u nforma lill-Qorti li kien ghadda kopja lill-partijiet, il-kawza giet differita ghas-sentenza bil-fakolta li l-konvenuti jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet bil-visto tal-kontroparti fi zmien xahar; jigi rilevat li ma giet intavolata ebda nota.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda u tiddikjara lill-konvenuti Frederick Frendo u Simon Bajada ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Palm Shipping Agency Limited u din bhala agenti f'Malta tas-socjeta` estera Century Line - 21st Century Martime Inc. bhala unika responsabbli ghal hsarat mitluba fic-citazzjoni, u tillibera lis-socjeta` konvenuta l-ohra mill-osservanza tal-gudizzju;

Tilqa' wkoll it-Tieni Domanda u tikkundanna lill-istess konvenuti Frederick Frendo u Simon Bajada *nomine* biex ihallsu lill-attur *nomine* s-somma mitluba fic-citazzjoni u l-interessi legali kif ukoll mitluba fl-istess domanda;

L-ispejjez jithallsu mill-konvenuti Frederick Frendo u Simon Bajada *nomine*.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur